**21 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Darryl Francis Grima *pro et noe*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et noe*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Dritt għall-Ħajja – Newtralità – Kostituzzjoni ta' Malta, u Digriet – Mandat Kawtelatorju – Inibizzjoni – Appell minn – Forma ta' – Nullità ta'**

*Ir-rikorrent talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex dawn ma jippermettux id-dħul fil-portijiet ta' Malta ta' biċċiet tal-gwerra barranin u dan billi l-istess kien jikkostitwixxi ksur tan-newtralità ta' Malta u tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-ħajja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti appellaw. Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell interpost irritu u null.*

*Id-deċiżjoni tal-Prim'Awla la kienet sentenza u lanqas digriet interlokutorju. Infatti d-digriet li bih tiġi miċħuda talba għall-ħruġ ta' mandat ta' "inibizzjoni" la huwa wieħed interlokutorju u lanqas wieħed definittiv u għalhekk minn tali digriet ma jingħatax appell dirett imma jista' jiġi biss attakkat permezz ta' ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti li emanatu.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Darryl Francis Grima pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li fih wara li ppremetta:

Illi l-intimati ħarġu jew sa joħorġu permessi u/jew awtorizzazzjonijiet relattivi sabiex fil-25 ta' Ġunju, 1988 jew data oħra verjuri, jidħlu fl-ibħra territorjali u/jew portijiet tar-Repubblika ta' Malta tliet vapuri appartenenti għall-forza navali tar-Renju Unit, liema vapuri jisimhom *HMS Ark Royal, HMS Edinburgh u RFA Fort Grange*. Illi din m'hiex ser tkun okkażjoni unika fejn vapuri militari esteri daħlu f'ibħra territorjali u portijiet tar-Repubblika ta' Malta, kull darba susseġwenti għall-ħruġ ta' permessi u/jew awtorizzazzjoni relattiva ta' l-intimati u dan kif jidher minn Dok. A anness mal-preżenti;

Illi mill-vapuri militari li daħlu s'issa u minn dawk indikati li għandhom jidħlu f'ibħra territorjali u portijiet tar-Repubblika ta' Malta, jidher ċar li dawn il-vapuri jappartjenu għall-qawwa navali ta' stat membru ta' l-Organizzazzjoni Militari tal-Patt Atlantiku (NATO) li fiha nnifisha hija allejanza militari/navali li tħaddan fiha superpotenza;

Illi kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-preżenti, il-vapuri li għandhom jidħlu fid-dati fuq imsemmija, barra li huma attrezzati b'armamenti konvenzjonali avvanzati, huma armati b'armamenti nuklejari, bil-perikolu kollu li dan iġib miegħu għall-poplu Malti kollu;

Illi dan l-aġir ta' l-intimati huwa illegali u abbusiv u dan stante li kif ser jiġi ppruvat imur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta bi ksur ta' artikolu 1, sub-artikolu 3:

Fl-ewwel lok kontra l-prinċipju ta' Newtralità ta' Non-Allinjament u; fit-tieni lok, peress li bil-presenza tal-vapuri fuq imsemmija jikkostitwixxu konċentrazzjoni ta' forza militari estera fl-ibħra territorjali jew portijiet tar-Repubblika ta' Malta;

Illi oltre dak fuq premess dan l-aġir illegali u abbusiv ta' l-intimati jmur kontra dak li tipprovdi l-istess Kostituzzjoni ta' Malta f'artikolu 33, sub-artikolu 1 u skond l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem anness fl-ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987, u dan fis-sens li l-presenza tal-vapuri in kwistjoni, armati kif inhuma b'armi nuklejari apparti dawk konvenzjonali, joħolqu theddida għall-ħajja tar-rikorrent;

Talab għalhekk l-esponenti lil dika l-Onorabbli Qorti sabiex toħroġ dawk l-ordnijiet neċessarji u opportuni sabiex tinibixxi lill-intimati milli jagħtu, jippermettu u/jew jissoktaw billi jakkwixxu jew ikomplu bil-proċeduri sabiex jidħlu l-imsemmija vapuri fl-ibħra territorjali u/jew portijiet tar-Repubblika ta' Malta u in partikolari tinibixxi lid-Direttur tal-Portijiet milli joffri kwalunkwe assistenza lill-vapuri in kwistjoni sabiex jiġu pilotati fil-portijiet tar-Repubblika ta' Malta jew kwalunkwe servizz ieħor li l-istess Direttur tal-Portijiet solitament jagħti għall-pilotaġġ u irmonkar tal-vapuri fil-portijiet tar-Repubblika ta' Malta, jew milli jagħti tali ordnijiet jew jippermetti li tali servizzi jiġu reżi minn terzi fuq approvazzjoni tiegħu, u dan peress li l-presenza tal-vapuri *HMS Ark Royal, HMS Edinburgh* u *RFA Fort Grange*, parti mill-forza navali tar-Renju Unit, sejra tkun bi ksur ta' l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem anness fl-ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn esponew bir-rispett:

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 1988 li biha ċaħdet it-talba tar-rikorrent *proprio et nomine* għall-ħruġ ta' l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, b'dana però li in vista ta' dak li ġie espost l-ispejjeż tagħha, u dana wara li rat ukoll l-art. 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' Darryl Francis Grima ppreżentat fit-18 ta' Ġunju 1988, li bih, għar-raġunijiet hemm esposti, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza fuq ċitata u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kollha, kwantu jirrigwardaw materja li jaqgħu fil-kompetenza ta' din il-Qorti u tagħti dawk il-provvedimenti neċessarji u opportuni, bl-intimati minn issa nġunti għas-subizzjoni u bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppreżentata fit-18 ta' Ġunju, 1988, li biha ssottomettew preliminarjament li l-appell huwa null u dana billi minn digriet li jiċħad talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni m'hemmx appell skond il-ġurisprudenza hemm ċitata u illi fil-mertu d-diċriet appellat (u mhux sentenza kif sejħilha l-appellant) għar-raġunijiet hemm imsemmija hu ġust u jimmerita konferma, u għaldaqstant talab l-appellant, u tgħaddi minflok biex tiddikjara l-imsemmi digriet mhux appellabbli u fin-nuqqas tgħaddi biex tikkonferma l-imsemmi digriet fl-

interezza tiegħu;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-intimati appellati qegħdin jissollevaw l-eċċezzjoni preliminari li l-appell huwa null u dan billi minn digriet li jiċħad talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni m'hemmx appell skond il-ġurisprudenza minnhom ċitata. Huwa evidenti li dina l-eċċezzjoni għandha tiġi ttrattata u deċiża qabel kull kwistjoni oħra billi jekk tiġi aċċettata tferixxi l-appell;

Minn eżami tal-proċess m'hemmx dubju li r-rikors promotorju ta' dawn il-proċeduri huwa rikors kontenenti talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tant li l-istess rikors ġie akkompanjat bil-formula tal-mandat ta' inibizzjoni stabbilita mil-liġi għall-istess rikorrent jaċċetta dan fir-rikors ta' l-appell tiegħu meta jagħmel riferenza għall-artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jinsab taħt is-subtitolu V tat-Titolu VI tat-Tielet Ktieb ta' l-istess Kodiċi ntitolat "Fuq il-Mandat ta' l-Inibizzjoni";

Hija ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati *(vide* Rikors ta' Edgar Baldacchino *et vs* Joseph Bellizzi deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 (Kollez. Dec. Vol. XXXVII.I.519) illi hemm tliet xorta ta' digrieti, ċjoè dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Għall-ewwel u tieni kategorija ta' digrieti hemm appell iżda għat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx u min

irid jimpunjah permezz digriet li m'huwiex interlokutorju jew definittiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett iżda biss permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet; u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' jkun hemm anke appell. F'dawk il-proċeduri, li bħal dawn jirrigwardaw il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, il-Qorti qalet li d-digriet fil-kwistjoni żgur li mhux definittiv għax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas rabat lill-ġudikant; lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala interlokutorju. Lanqas m'huwa parti inċidentali tal-ġudizzju iżda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv. Il-Qorti kompliet tgħid li d-digriet ta' mandat ta' inibizzjoni huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li tagħtu fuq talba b'ċitazzjoni ta' l-interessat, meta fil-ġudizzju diskrezzjonali tagħha l-Qorti tara raġuni tajba li tiġġustifika r-revoka, salv lill-Qorti fi grad ta' appell is-setgħa li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-każ ta' vjolazzjoni tal-liġi jew errur manifest u dannu irriparabbli jew raġuni oħra tajba skond il-liġi;

Dan il-prinċipju ġie ribadit minn din il-Qorti stess fil-kawża Louis Camilleri *vs* Salvino Bugeja fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tad-Djar fl-4 ta' Mejju 1973 f'liema kawża wkoll l-ewwel Qorti kienet ċaħdet talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in konnessjoni ma' kwistjoni kostituzzjonali. F'dik il-kawża l-Qorti ddikjarat li "hi tal-fehma li ġaladarba f'dan il-każ ir-rikorrent appellat għażel li jitlob speċifikament il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, allavolja l-permessi għandhom konnotazzjoni kostituzzjonali, allura jrid ukoll jissoġġjaċi għad-disposizzjonijiet tal-liġi li jiddixxiplinaw il-ħruġ ta' mandat tali u dik it-talba, nonostanti l-konnotazzjoni kostituzzjonali tal-permessi, tibqa' essenzjalment u fondamentalment waħda għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni soġġetta għal kundizzjonijiet u regoli li skond il-

liġi japplikaw għal mandat tali, inkluża l-ħtieġa f'każ ta' eventwali akkoljiment jekk jinstab applikabbli, li wieħed 'jagħmel il-kawża' (art. 876 kombinat ma' l-art. 846 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) fiż-żmien preskritt u l-inappellabilità *ut sic* taċ-ċaħda tat-talba għall-ħruġ ta' mandat tali.....Dan iġib li miċ-ċaħda ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-talba speċifika għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (ikkunsidrat, in bażi għall-premess, bħala sempliċement tali) ma jingħatax appell lil din il-Qorti kif lanqas skond il-ġurisprudenza kostanti (ara Koll. Vol. XXXVII.I.519, Vol. XXXVIII.I.336 u XLVI.I.24) jingħata appell '*ut sic*' lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, salvi rimedji oħra.....'';

Ikkunsidrat:

Kif ingħad fuq, il-preżenti proċeduri huma unikament każ ta' mandat ta' inibizzjoni u fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, li din il-Qorti kif kostitwita tabbraċċja, l-appell preżenti ma jistax ħlief jiġi kkunsidrat bħala irritu u null;

Jista' jiżdied li l-argument ta' l-appellant li l-prinċipji stabbiliti *in re* Edgar Baldacchino *et vs* Joseph Bellizzi fuq ċitata ma japplikax għall-każ in diżamina għaliex f'dak il-każ id-digriet kien ingħata kameralment mentri fil-każ preżenti ma kienx hekk, mhux sostenibbli a bażi ta' l-istess ġurisprudenza. Infatti jidher mill-ġurisprudenza ċċitata illi l-inappellabilità mhux ibbażata fuq il-fatt li d-digriet f'każ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa kamerali fuq il-fatt li la jkun definittiv u lanqas interlokutorju;

In riferenza għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni invokati mill-appellant, u ċjoè l-artikolu 95(2)(d) u (f), jiġi osservat li ma jaffettwaw bl-ebda mod il-konklużjoni tal-Qorti billi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti taħt l-imsemmija inċiżi (d) u (f)

tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni titwieled biss jekk ikun hemm dritt ta' appell. Fil-każ preżenti għar-raġunijiet fuq imsemmija ma hemmx;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija ta' l-intimati appellati u konsegwentement tiddikjara dan l-appell irritu u null, salvi *si et quatenus* rimedji oħra talvolta spettanti lill-appellant. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-appellant.